# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 38**

**Avviz numru 726/01/SM**

**Victor Galea**

**vs**

**Kentucky Operations Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Awissu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-attur s-somma ta' erba' t'elef lira Maltin (LM4,000.00,0), rapprezentanti flus dovuti lill-istess Victor Galea in kwantu ghall-sentejn public holidays mahduma minn Victor Galea li jammontaw ghal elf u tlett mitt Lira Maltin, (LM1,300.00,0) u in kwantu ghal-sentejn**

**sieghat extra mahdumin minnu li jammontaw ghall-elfejn u seba' mitt lira Maltin (LM2,700.00,0,), li baqghu ma thallsux mis-socjeta' konvenuta, hekk kif ser jigi aktar il-quddiem ippruvat fil-mori tal-kawza;**

**2. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Illi fit-tieni lok, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tal-attur ghandha tigi respinta in vista tal-fatt li hi ghal kollox infondata kemm fuq bazi fattwali kif ukoll dik legali kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri;**

**3. Illi in sostenn u b'mod aktar specifiku ghat-tieni eccezzjoni hawn fuq sollevata jigi rilevat li l-attur kellu l-kariga ta' Restaurant Manager, liema kariga ufficcjali ggib maghha l-konsegwenza li ma kienx marbut ma sieghat u/jew granet partikolari ta' xoghol – tali fatturi ta' xoghol kienu taht il-kontroll u diskrezzjoni assoluta tieghu;**

**4. Illi fil-fatt, is-socjeta' konvenuta dejjem halset lill-attur tax-xoghol tieghu maghha u tul l-istess impjieg, huwa qatt ma ressaq xi lment simili ghal dak li qed jigi allegat fl-odjern avviz. Fattur sinifikanti huwa dak li kien l-istess attur li rrizenja mill-impjieg tieghu u mhux safa mkecci mis-socjeta' konvenuta;**

**5. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;**

**6. Bl-ispejjez kontra l-attur li qed jigi ngunt personalment ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur kien gie impjegat mis-socjeta' konvenuta fid-9 ta' Dicembru ta' l-1996 fil-kariga ta' "manager", (ara fol 16);**

**2. Illi permezz ta' ittra datata t-2 ta' Frar ta' l-1999, sussegwentement korretta ghas-sena 2000, (ara fol 18), l-attur ipprezenta r-rizenja tieghu mill-imsemmi impjieg minn mas-socjeta' konvenuta u ikkalkola li d-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kellha tibda ssehh mill-15 ta' Marzu tas-sena 2000;**

**3. Illi permezz ta' ittra datata t-8 ta' Frar tas-sena 2000 is-socjeta' konvenuta nformat lill-attur li rceviet l-ittra ta' rizenja precedenti tieghu u ikkonfermaw li l-ahhar gurnata ta' l-impjieg ta' l-attur mas-socjeta' konvenuta kellha tkun dik tal-5 ta' Marzu tas-sena 2000, (ara fol 19);**

**4. Illi l-attur jallega pero' li hu kien gie impjegat mis-socjeta' Food Chain Holding fis-6 ta' Marzu tas-sena 1996 u in sostenn ta' dan ipprezenta kuntratt ta' impjieg datat il-5 ta' Marzu ta' l-1996, (ara fol 26);**

**5. Illi fil-15 ta' Jannar ta' l-1997 l-attur jidher li gie promoss bhala manager ta' KFC ta' Paceville, (ara fol 28);**

**6. Illi sussegwentement jirrizulta li l-attur hadem f'diversi "outlets" marbutin fil-"holding company" in dizamina;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi nonostante l-fatt li l-attur gie utilizzat minn diversi "outlets" formanti parti mill-istess "holding company" jibqa' in intokkat il-fatt li l-impjieg tieghu kien dak lilu koncess mis-socjeta' konvenuta kif jidher anke mid-dikjarazzjoni ta' l-impjieg tal-Korporazzjoni ta' l-Impjieg u Tahrig a fol 16;**

**Illi hu pacifiku li d-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-attur hija dik tal-5 ta' Marzu tas-sena 2000;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in effetti l-artikolu 2147 (c) tal-Kap 16 citat mis-socjeta' konvenuta jistabbilixxi li l-azzjoni ta' persuni mhallsin bix-xahar ghas-salarji taghhom taqgha bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena;**

**Illi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata gudizzjarjament mill-attur qabel ma irceviet l-avviz meritu ta' din il-kawza datat l-10 t'Awissu tas-sena 2001;**

**Illi l-impjieg gie terminat mill-istess attur fil-5 ta' Marzu tas-sena 2000;**

**Illi ghalhekk l-azzjoni intavolata permezz ta' din l-azzjoni hi abbundantement intavolata wara l-perjodu espressament stabbilit mill-ligi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement tiddikjara li din l-azzjoni hi preskritta bl-gheluq ta' sena, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**